KUNSILL LOKALI BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 21**

**L-Erbgħa, 15 ta' Ottubru 2025**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:35.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sa Rohasia Zammit | Kunsilliera |
| Is-Sur Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Hadd

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Johann Borg | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Dr Alessia Psaila Zammit | Contracts Manager |
| Dr Desiree Attard | Avukat tal-Kunsill |
| Is-Sa Doreen Mintoff | Accountant tal-Kunsill (online) |
| Is-Sur Christopher Bonello | Kuntrattur tal-Ġonna tal-Kunsill |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Hadd

## 21.01 Qari tal-ittri t'apoloġija

**21.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet familjari. Il-Kunsill ħa vot fuq din it-talba.

**Favur** 2 **Kontra** 3 **Astensjonijiet** 2

Din it-talba ma ġietx aċċettata u għalhekk il-Kunsillier Johann Borg se jiġi mniżżel assenti.

**21.01.02** Il-Kunsilliera Rohasia Zammit infurmatna li se tkun qed tidħol tard.

## 21.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 20)

**21.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 20.

**21.02.02** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u sekondata mill-Kunsillier Alex Caruana, il-minuti ta' seduta 20 ġew approvati unanimament.

## 21.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**21.03.01** *Heritage trails*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għall-istampar ta' 21 kopja. L-orħos kwotazzjoni hija dik A, li tammonta għal €25.96 kull waħda. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**21.03.02** *Fustun għal Wied il-Buni*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet biex isir fustun f'Wied il-Buni. L-orħos kwotazzjoni għal fustun ta' 50 metru hija dik A, li tammonta għal €900. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**21.03.03** *Rampa tal-konkos f'Misraħ is-Summit*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li sar ix-xogħol fuq ir-rampa tal-konkos f'Misraħ is-Summit mill-kuntrattur. L-ammont tal-ispiża għal dan ix-xogħol ġie jiswa €1,982.40. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din l-ispiża.

**21.03.04** *Sterile feed għall-ħamiem*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsill bagħat għal 3 kwotazzjonijiet għall-isterile feed, iżda kellna risposta mingħand supplier wieħed biss. Il-kwotazzjoni tammonta għal €324.50 għal kull borża ta' 15-il kilo. Għalissa se tinġieb borża waħda. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**21.03.05** *Żebgħa u stabiliser għal Ġnien Profs. Anton Tabone*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li bħalissa għaddej ix-xogħol fi Ġnien Profs. Anton Tabone mill-PWD u ġejna infurmati li jinħtieġu żebgħa u stabiliser għall-kurduni. Inġabru 3 kwotazzjonijiet, bl-orħos waħda tkun dik A, li tammonta għal €1,368.01. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**21.03.06** *Xogħlijiet fil-promenade tal-Qajjenza SPI/SCI/4/24*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-BOQ mill-perit, skont ir-rati tat-tender, mingħand il-kuntrattur għax-xogħlijiet li qed jiġu pjanati fil-Qajjenza, fosthom tiswija tal-ħadid, l-art, u t-taraġ ta' din il-biċċa tal-promenade se tammonta għal €83,048.45. Il-kunsilliera preżenti approvaw din il-kwotazzjoni.

## 21.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

**21.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ż-żewġ avvenimenti relatati ma' Jum Birżebbuġa kienu ta' suċċess, fejn dis-sena kienu mifruxin fuq jumejn; 16 ta' Settembru ġiet onorata l-memorja tal-mibki l-pumpier Joseph Zammit b'mafkar li ddisinja l-Kunsillier Alex Caruana, u wara ġiet ċelebrata l-quddiesa, u fl-20 ta' Settembru ngħataw ir-rikonoxximenti u Ġieħ Birżebbuġa kif ġej:

- Rikonoxximent Atleta/Sportiv tas-Sena:
  *Kumitat Birżebbuġa St Peter's*
  *Kumitat Regatta Birżebbuġa*

- Rikonoxximent Żagħżugħ/a tas-Sena:
  *Is-Sur Jean Paul Fenech*
  *Is-Sur Peter Fenech*

- Rikonoxximent Ħidma fil-Kultura:
  *Is-Sur John Saliba*

- Rikonoxximent Anzjan/a tas-Sena:
  *Grupp tat-tindif tal-knisja*

- Joe Baldacchino Lifetime Achievement Award:
  *Is-Sur David Spiteri*

- Ġieħ Birżebbuġa 2025:
  *Il-mibki Dr Pierre Chircop*

- Tifkira Speċjali:
  *Is-Sur Zian Farrugia*
  *Is-Sna Catriona Muscat*
  *Is-Sa Joanne Spiteri*
  *Is-Sur Robert Spiteri*

**21.04.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li dil-ġimgħa se jaslu ż-żewġ portable cameras u għalhekk talab lill-Kunsilliera Maria Mifsud sabiex tidentifika post fejn se titwaħħal waħda mill-camera billi l-oħra se titwaħħal f'Misraħ Hamilkar Barka. Semma wkoll li bħalissa hemm waħda eżistenti f'Misraħ is-Summit.

**21.04.03** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li fl-aħħar seduta ssemma li trid tiċċaqlaq il-magna tal-BCRS, li attwalment tinsab f'Misraħ is-Summit. Huwa tkellem ma' rappreżentanti tal-BCRS u dawn huma tal-parir li l-magna tiġi ma' dahar il-latrina.

**21.04.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li, hekk kif diġà ġew infurmati l-kunsilliera permezz ta' email, l-avukata maqbula fl-aħħar seduta ma tistax tassisti u għalhekk sibna lil Dr Desiree Attard biex tgħin legalment f'numru ta' miżuri legali u azzjonijiet li għandu l-Kunsill fuq diversi kuntratti u bye-laws pendenti.

**21.04.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rigward in-network cable, li fuqu kien hemm mistoqsija u talba għall-kjarifika fis-seduta preċedenti, il-Kunsill irċieva email fid-dettall mingħand il-konsulent tal-IT bi spjegazzjoni ċara għal dan. Din ġiet approvata.

**21.04.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-kumitat tal-klabb tal-boċċi talab sabiex fix-xitwa jkunu jistgħu jitilgħu fuq il-promenade (il-biċċa tal-konkos) bil-karozzi meta dawn ikollhom il-laqgħat. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din it-talba, bil-patt u l-kundizzjoni li dawn jinfurmaw lill-Kunsill bil-ġranet tas-seduti u n-numri tal-pjanċi tal-karozzi li se jidħlu.

**21.04.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li bħalissa għaddejjin it-taħditiet ma' servizz.gov. Is-sala tal-Kunsill tbattlet u huwa pjanat li s-servizz jibda jingħata mill-bidu tas-sena d-dieħla. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat informa li bagħat email sabiex ifakkarhom jibagħtu l-MOU.

**21.04.08** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsill Lokali se jkun qed jikkoopera mal-entitajiet sabiex jiġu installati numru ta' chargers għal karozzi elettriċi direttament mal-arbli tad-dawl eżistenti.

**21.04.09** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsill daħħal is-sottomissjonijiet tiegħu għat-tiġdid tal-environmental permit (IPCC), u nhar it-Tnejn li għadda ġew mitkellma numru ta' punti, fosthom li l-Kunsill ma qabilx mal-proċess għax mhuwiex proċess faċli għar-residenti.

**21.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera**

**21.05.01** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar il-bins ta' wara l-knisja. Huwa semma li f'dawn l-inħawi u ħdejn il-mużew kien hemm numru ta' bins li tneħħew ftit tax-xhur ilu. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jgħid min neħħiehom u jekk hemmx pjan biex jerġgħu jitqiegħdu. Il-Kunsilliera Maria Mifsud semmiet li kien tneħħa bin billi kien imsaddad u għalhekk kien ta' periklu. Is-Sindku Scott Camilleri talab sabiex ninfurmaw lill-foreman ħalli jinstalla 2 bins fejn il-mużew u 2 oħra f'Misraħ Tal-Pajtier.

**21.05.02** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar arja f'Hal Far. Huwa semma li l-inħawi ta' quddiem JobsPlus f'Hal Far jinsabu fi stat ta' abbandun u hemm perikli minn trinek miftuħa. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jiċċara jekk din l-għalqa taqax taħt il-Kunsill Lokali, u jekk iva, x'jista' jsir biex jitneħħew il-perikli għall-ħaddiema li jkunu hemm kuljum. Is-Sindku Scott Camilleri talab li jsir rapport lil ERA u l-Awtorità tal-Ippjanar.

**21.05.03** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar Triq il-Brolli. Huwa semma li l-kantuniera bejn Triq il-Brolli u Triq Joseph Farrugia 'Ir-Riki' hija ta' periklu minħabba karozzi li jgħaddu b'veloċità eċċessiva. Filwaqt li jifhem il-pożizzjoni tal-Kunsill Lokali dwar in-nuqqas ta' servizz ta' perit, xtaq ikun jaf jekk hemmx miżuri ta' trażżin tat-traffiku pjanati għal din il-kantuniera, għal meta huma pjanati, u jekk jistax jitqabbad perit biex jitfassal intervent għal din iż-żona biss sabiex jiġu evitati inċidenti. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li din trid tiġi diskussa flimkien mal-Kunsillier Alex Caruana.

**21.05.04** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar il-pont tax-Shell. Huwa semma li f'laqgħa numru 10, li seħħet f'Jannar 2025, saret preżentazzjoni dwar il-proġett tal-pont tax-Shell. Fl-istess laqgħa kien ġie spjegat li kellhom isiru testijiet fuq il-pont innifsu biex jiġi verifikat jekk il-pilastri jifilħux l-istruttura l-ġdida. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill ġiex infurmat bir-riżultati ta' dawn it-testijiet, u jekk iva, x'kienu? Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li s'issa ma daħal l-ebda rapport, però nibagħtu email għal aġġornament ta' fiex wasal il-proċess.

**21.05.05** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar dawl f'Wied il-Buni. Huwa semma li fil-biċċa promenade fin-naħa ta' Wied il-Buni hemm numru ta' lampi tad-dawl li jidhru li għandhom xquq fin-naħa t'isfel. Huwa xtaq ikun jaf jekk sarx assessjar fuqhom. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li se ssir works order sabiex jiżżarmaw il-lampi kollha.

**21.05.06** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar ħmieġ u periklu fi Triq San Pawl. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jagħti informazzjoni dwar jekk sarx rapport fuq il-ħmieġ u l-periklu f'dar fi Triq San Pawl. Huwa semma li din id-dar abbandunata tinsab fi stat ta' degrad dejjem akbar. Għandha l-hoarding imqatta' u b'hekk mimlija ħmieġ. In-nies li jgħixu fil-viċinanza tagħha rrappurtaw li qed jaraw ġrieden deħlin u ħerġin minn dil-propjetà. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li jrid isir rapport lill-Awtorità tal-Ippjanar, Sanitá u ERA.

**21.05.07** Il-Kunsilliera Maria Mifsud ressqet mistoqsija dwar roħs għall-anzjani li jridu jużaw il-pixxina. Hija semmiet li fis-seduta preċedenti ġew diskussi l-fondi għall-iżvilupp biex tissaħħan il-pixxina, fejn kienet talbet li jkun hemm roħs għar-residenti. Hija xtaqet tkun taf x'inhu l-pjan issa li l-pixxina qed tissaħħan u li huwa importanti li naħsbu fl-anzjani tal-lokal u jsiru rati vantaġġużi għalihom. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li r-rati jagħmilhom il-privat, iżda ssuġġerixxa sabiex issir laqgħa mal-kumitat.

**21.05.08** Il-Kunsilliera Maria Mifsud ressqet mistoqsija dwar CCTV f'Misraħ Hamilkar Barka. Hija xtaqet tkun taf x'sar minnha s-CCTV li kien hemm f'din iż-żona u xi pjanijiet hemm biex dawn jiżdiedu fil-hot spots. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li dan il-punt ġie diskuss iktar qabel fil-laqgħa.

## 21.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

*Hawnhekk ingħaqdet il-Kunsilliera Rohasia Zammit.*

**21.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager għax-xahar ta' Settembru 2025.

**21.06.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li tkellem mal-kuntrattur u se jitkellmu mar-residenti rigward l-iskips ta' Triq il-Brolli u Triq il-Marniżi sabiex jitneħħew u l-kuntrattur jibda jidħol jiġbor l-iskart minn ġewwa għax kien qed ikun hemm l-abbużi.

**21.06.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar il-kuntratt tal-bandli, fejn semma li l-ammont allokat ma' dan it-tender intlaħaq. Huwa ssuġġerixxa li dan ma' jiġġeddidx u jinħareġ tender li jinkludi maintenance u street furniture, fost oħrajn. Il-Kunsill approva dan it-tender.

**21.06.04** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar it-talba tal-perit attwali biex jittermina l-kuntratt. Huwa spjega li mingħajr perit il-Kunsill ma jistax jaħdem, għalhekk propona li jinħareġ tender ġdid. Is-Sindku Scott Camilleri intervjena billi qal li hu, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat u l-contracts manager Dr Alessia Psaila Zammit, iltaqgħu mal-perit fejn ġew identifikati numru ta' proġetti li dan se jkun qed jikkonkludi. Ġiet mimlija wkoll termination form sabiex tkun ċara li sakemm jinħareġ it-tender il-ġdid ikun laħaq lesta, jew progressa, fuq ix-xogħlijiet li hemm pendenti. Huwa semma wkoll li l-budget għandu jkun iktar minn dak tas-sena l-oħra. Il-kunsilliera preżenti qablu li jinħareġ tender ġdid għal perit.

**21.06.05** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar kif se naħdmu biex jinħareġ tender tal-vettura tal-Kunsill. Is-Sindku Scott Camilleri talab lis-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat sabiex jagħmel talba għal laqgħa mas-Silver T u naraw x'joħroġ minn din il-laqgħa.

**21.06.06** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat tkellem dwar il-health insurance policy għas-sena 2026 għall-kunsilliera u l-ħaddiema. Huwa semma li bħalissa l-Kunsill qed iħallas €70 għal kull persuna. Wara li saret riċerka u nġiebu xi stimi instab li jekk inżidu l-polza minn basic għal premium, l-ispiża se tkun ta' €375 għal kull persuna. Is-Sindku Scott Camilleri talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jgħaddi l-informazzjoni kollha b'email lill-kunsilliera. Il-Kunsill qabel li jħallas il-basic u jekk ikun hemm min irid il-premium iħallas hu personalment.

**21.06.07** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li rridu nsibu data għal laqgħa annwali fejn fiha jiġi preżentat il-budget tal-Kunsill għas-sena 2026. Din il-laqgħa se sseħħ fit-3 ta' Diċembru fis-19:30.

**21.07 Korrispondenza**

---

**21.07.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Konsulent Ambjentali Dr Alexander Borg Galea nnotifikana li l-post vakanti li hemm quddiem ir-restorant Ferretti, ġie approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar.

**21.07.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ħareġ avviż ta' infurzar fuq il-canope li hemm f'Ta' Ġorġ Restaurant f'Wesgħa Carmelo Caruana. Dawn spjegaw li l-affarijiet saru kontra l-liġi u għalhekk ġejna infurmati li hemm il-multi jekk dan ma jorganizzax ruħu.

**21.07.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza mingħand is-Sa Charlotte Mangion f'isem il-kumpanija ERS Ltd, fejn talbet sabiex jinstallaw kaxxi għall-iskart (waste bins) u s-sidien tal-ħwienet ikollhom ċavetta, flimkien mal-kuntrattur, sabiex jibdew jitbattlu minn hemm. Il-kunsilliera preżenti ma qablux ma' din it-talba.

**21.07.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rigward il-bus stop perikoluż, minħabba bini li għandu problemi strutturali fi Triq San Patrizju, il-Kunsill kien bagħat il-każ lil TM u dawn weġbuna lura billi staqsew għal post suġġerit mill-Kunsill. Is-Sindku Scott Camilleri semma li talab għal laqgħa ma' TM sabiex jiġu indirizzati xi problemi, fosthom li l-ħin tal-waqfa qed ikun f'Birżebbuġa u kawża t'hekk ir-residenti jridu jaqbdu tal-linja oħra.

**21.07.05** Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa kif bqajna fuq ir-rotta 82A. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li bħalissa hemm korrispondenza għaddejja ma' diversi entitajiet. Semma wkoll li l-perit tal-PWD kellu jagħtihom il-livell ta' kemm trid titbaxxa r-rampa li hemm fi Triq il-Port Hieles sabiex jipproċedu bix-xogħlijiet.

**21.07.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li kull sena l-MFA torganizza l-beach soccer tournament. Il-post qed jiġi bbukkjat il-biċċa l-kbira minn din l-entità privata bla ħlas, u d-dati qed jiġu bbukkjati mil-lum għal għada. Huwa ssuġġerixxa li bħala Kunsill jintalab agreement magħhom u jibda jsir il-ħlas għas-sessjonijiet li jiġu bbukkjati min-naħa tagħhom. Ġie deċiż li minn Jannar li ġej jibdew isiru l-ħlasijiet u l-ibbukkjar irid isir minn qabel.

**21.07.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsill ġie avviċinat mill-Għaqda Storja u Kultura fejn dawn urew ix-xewqa li joħorġu kalendarju b'numru ta' ritratti ta' Birżebbuġa sabiex jitqassam fir-raħal b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Wara diskussjoni libera, ġie deċiż li l-Kunsill jidħol f'kollaborazzjoni mal-Għaqda u jħallas għall-istampar.

## 21.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**21.08.01** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni u/jew rakkomandazzjoni.

## 21.09 Quarterly Report (Jannar – Settembru 2025)

*Hawnhekk l-Accountant tal-Kunsill is-Sa Doreen Mintoff ipparteċipat online.*

**21.09.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ressaq il-quarterly report ta' bejn Jannar u Settembru 2025, li ġie ċċirkulat minn qabel is-seduta u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri. Hawn, l-accountant tal-Kunsill tat spjegazzjoni dwar il-quarterly report.

**21.09.02** Il-quarterly report ta' bejn Jannar u Settembru 2025 ġie approvat unanimament mill-kunsilliera preżenti.

## 21.10 Malta Freeport car park

**21.10.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li se ssir laqgħa nhar l-Erbgħa, 22 ta' Ottubru, mad-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex naraw li l-proċess tat-tender sar skont il-proċedura li titlob l-istess entità. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat se jkun qed jibgħat email uffiċjali lill-Ministru għall-Gvern Lokali sabiex jgħinna fuq dan il-car park.

## 21.11 Soft areas u ġonna

*Hawnhekk ingħaqad il-kuntrattur tal-ġonna s-Sur Christopher Bonello.*

**21.11.01** Is-Sindku Scott Camilleri ta spjegazzjoni dwar in-notifiki ta' nuqqasijiet li ħareġ il-Kunsill lill-kuntrattur tal-ġonna. Wara diskussjoni libera, ġie deċiż li se tintbagħat tweġiba formali li llum il-Kunsill iltaqa' mal-kuntrattur tal-ġonna. Se jingħata xahar ċans biex jitjiebu l-affarijiet u minn hemm se nimxu skont ir-rapport li jmiss jinħareġ mill-contracts manager. L-avukat tal-Kunsill se tkun qed tirrispondi l-ittra li bagħat il-kuntrattur Christopher Bonello bl-avukat tiegħu.

## 21.12 Bye-laws

*Hawnhekk ingħaqdet l-Avukat tal-Kunsill Dr Desiree Attard.*

**21.12.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li kien hemm laqgħa ftit tal-ġimgħat ilu mal-avukat tal-Kunsill rigward il-bye-laws pendenti, fosthom tal-car park. Semma li din il-bye-law għandha tkun li l-Kunsill għandu dritt idaħħal concession by tender bl-aħjar offerta u r-rati jkunu bi qbil biex ma jkunx hemm rati imponuti li ma jkunux bi qbil ma' dak li jkun qed jgħid il-Kunsill.

**21.12.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat fakkar ukoll li kien hemm bye-laws oħrajn pendenti. Is-Sindku Scott Camilleri intervjena billi qal li l-aħjar niffukaw fuq il-bye-law tal-car park u wara nipproċedu bl-oħrajn li għad hemm pendenti.

## 21.13 Attivitajiet u skemi

**21.13.01** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Karel Zahra sabiex jagħti aġġornament. Rigward il-clean-up day, il-Kunsilliera Maria Mifsud qed tikkordina l-affarijiet. Il-Kunsillier Karel Zahra spjega li l-grant agreement għall-iskema SPI/SCI/4/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025 ħareġ u l-Kunsill se jingħata €15,000, bil-Kunsill Lokali jkun qed joħroġ l-ammont ta' €5,000 mill-fondi tiegħu. Dawn se jinqasmu fi 3:

1. *Armar tal-Milied fit-toroq:* Inkarigati s-Sindku Scott Camilleri u l-Kunsillier Karel Zahra. Allokazzjoni ta' €7,000;

2. *Presepju artistiku:* Inkarigat il-Kunsillier Alex Caruana. Allokazzjoni ta' €10,000. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li hu diġà għamel kuntatt ma' artist rinomat u se jkun qed itina xi ideat hu. Minħabba li l-konferma tal-iskema waslet riċenti, mhux se nistennew għal din is-sena.

3. *Attività tal-Milied fil-Pjazza ta' Birżebbuġa:* Allokazzjoni ta' €3,000.

**21.13.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat se jkun qed jibgħat lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali bl-idea ta' dan il-proġett u se jkun qed jitlob għal estensjoni tal-perjodu.

**21.13.03** Il-Kunsillier Karel Zahra spjega kif hu flimkien mas-Sindku Scott Camilleri qegħdin f'kuntatt mal-organizzaturi ta' Milied fil-Pjazza sabiex jekk jaċċettawx li nikkolaboraw flimkien fl-attività li jorganizzaw huma. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Karel Zahra sabiex jikkordina laqgħa mal-organizzaturi ta' Milied fil-Pjazza.

## 21.14 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**21.14.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li f'din l-iskeda, għal darb'oħra, ma ġiex inkluż il-pagament tal-kuntrattur tal-ġonna. Il-kunsilleira qablu sakemm titranġa s-sitwazzjoni u jibda jibgħat ir-rapporti kif hu obbligat.

**21.14.02** Il-Kunsillier Karel Zahra staqsa rigward pagament numru 23. Huwa xtaq ikun jaf eżatt x'inhu l-pagament. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat spjega li din hija marbuta ma' ħlas lid-Datatrak għal ċitazzjonijiet li tħallsu issa iżda li ġew maħruġa qabel ġew iffurmati r-Reġjuni.

*Petty cash:*

**21.14.03** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Ivan Abela Grech, u sekondat mill-Kunsilliera Maria Mifsud, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

**21.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**21.15.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:15 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 11 ta' Novembru 2025, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta, 11 ta' Novembru 2025.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ________________ | ________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |